

31987L0217

L 85/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.3.1987

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Marzu 1987

dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ambjent mill-asbestos

(87/217/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-programmi suċċessivi ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾ dwar l-ambjent jenfasizzaw l-importanza li jiġi prevenut u mnaqqas it-tniġġis ta' l-ambjent; billi f'dan il-kuntest l-asbestos ġie elenkat fost is-sustanzi ta' tniġġis li ta' l-ewwel kategorija biex jiġu investigati minħabba t-tossiċità tagħhom u ta' l-effetti potenzjalment serji tagħhom fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 83/478/KEE ⁽⁵⁾ daħħlet fid-Direttiva 76/769/KEE ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/467/KEE ⁽⁷⁾, dispożizzjonijiet li jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-kroċidolite (asbestos ikħal) u l-prodotti li jkun fihom il-fibri tal-kroċidolite u dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw l-ittikkettjar ta' prodotti li jkun fihom l-asbestos;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE ⁽⁸⁾ tistipula dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-esposizzjoni għall-asbestos waqt ix-xogħol;

Billi d-Direttiva 84/360/KEE ⁽⁹⁾, tistipula dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-impjanti industrijali;

Billi l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-emissjonijiet ta' l-asbestos fl-arja, skarigi ta' l-asbestos fl-ambjent akwatiku, u skart ta' l-asbestos solidu jiġu, sa fejn hu possibbli, imnaqqsa mis-sors jew ma jitħallewx;

Billi huwa xieraq li jitħalla perjodu biżżejjed taż-żmien sabiex jiġu applikati dawn il-miżuri għall-impjanti eżistenti;

Billi l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà, filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, li jdaħħlu dispożizzjonijiet aktar stretti sabiex jipproteġu s-saħħa u l-ambjent;

Billi d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet fis-seħħ jew li jkun se jrin jiġu emendati fl-Istati Membri rigward il-kontroll tat-tniġġis mill-impjanti industrijali jista' joħloq kondizzjonijiet

mhux ugwali għall-kompetizzjoni u b'hekk jaffettwa direttament il-funzjonament tas-suq komuni; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkun hemm approssimazzjoni tal-leġislazzjoni f'dan il-qasam bis-saħħa ta' Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi t-tnaqqis tat-tniġġis mill-asbestos iservi biex imexxi l-quddiem wieħed mill-għanijiet tal-Komunità rigward il-protezzjoni u t-titjib ta' l-ambjent; billi, b'dankollu, poteri speċifiċi għal dan il-għan ma humiex provduti espressament fit-Trattat u għalhekk Artikolu 235 għandu wkoll ikun invokat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Il-għan ta' din id-Direttiva huwa li jstabbilixxi miżuri u jissupplimenta d-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, bil-ħsieb li jipprevjeni u jnaqqas it-tniġġis mill-asbestos fl-interess tal-ħarsien ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent.

2. Din id-Direttiva għandha tiġi applikata mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 83/477/KEE.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1. Asbestos ifisser is-silikati fibrużi li ġejjin:

— il-kroċidolite (asbestos ikħal),

— l-aktinolite,

— l-antofillite,

— il-kristotile (asbestos abjad),

— l-amosite (asbestos kannella),

— it-tremolite.

2. Asbestos mhux maħdum ifisser:

il-prodott li jirriżulta mill-ewwel tfarrik tal-mineral ta' l-asbestos.

3. L-użu ta' l-asbestos ifisser:

l-attivitajiet li jinvolvu l-manipulazzjoni ta' kwantità ta' aktar minn 100 kilogramma ta' asbestos mhux maħdum kull sena u li jirrigwardaw:

⁽¹⁾ ĠU C 349, tal-31.12.1985, p. 27.

⁽²⁾ L-Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Marzu 1987 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

⁽³⁾ ĠU C 207, tat-18.8.1986, p. 21. ĠU C 207, tat-18.8.1986, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU C 112, tal-20.12.1973, p. 1, ĠU C 139, tat-13.6.1977, p. 1 u ĠU C 46, tas-17.2.1983, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 263, ta' l-24.9.1983, p. 33.

⁽⁶⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

⁽⁷⁾ ĠU L 269, tal-11.10.1985, p. 56.

⁽⁸⁾ ĠU L 263, ta' l-24.9.1983, p. 25.

⁽⁹⁾ ĠU L 188, tas-16.7.1984, p. 20.

- (a) il-produzzjoni tal-mineral ta' l-asbestos bħala materja prima minbarra kull proċess dirett assoċjat ma' l-estrazzjoni mill-minjieri tal-mineral, u/jew
- (b) il-fabbrikazzjoni u t-tlestija industrijali tal-prodotti li għejjin li jużaw l-asbestos mhux maħdum: is-siment ta' l-asbestos jew il-prodotti tas-siment ta' l-asbestos, il-prodotti bil-frizzjoni ta' l-asbestos, il-filtrijiet ta' l-asbestos, it-tessuti ta' l-asbestos, il-karta u l-kartun ta' l-asbestos, materjali ta' l-asbestos għall-aġġuntar, materjal ta' l-imballaġġ u r-rinfurzar, għata ta' l-art ta' l-asbestos, materjal tal-mili (*fillers*) ta' l-asbestos.

4. *Ix-xogħol ta' prodotti li jkun fihom l-asbestos* ifisser:

attivitajiet oħra għajr l-użu ta' l-asbestos, li x'aktarx jirrilaxxaw l-asbestos fl-ambjent.

5. *Skart* ifisser:

kull sustanza jew oġġett kif definiti f'Artikolu 1 tad-Direttiva 75/442/KEE ⁽¹⁾.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-emissjonijiet ta' l-asbestos fl-arja, l-iskarigi ta' l-asbestos fl-ambjent akwatiku u l-iskart solidu mill-asbestos ikunu, sa fejn hu raġjonevolment prattiku, imnaqqsqa mis-sors u ma jitħallewx. Fil-każ ta' l-użu ta' l-asbestos, dawn il-miżuri għandhom ifissru l-użu ta' l-aħjar teknoloġija disponibbli li ma tinvolvi spejjeż eċċessivi, inklużi fejn adatt ir-riċiklaġġ u t-trattament.

2. Fil-każ ta' l-impjanti eżistenti, il-ħtieġa fil-paragrafu 1 li għandha tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli li ma tinvolvi spejjeż eċċessivi sabiex jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-emissjonijiet ta' l-asbestos fl-arja għandha tiġi applikata filwaqt li jitqiesu l-elementi ddikjarati f'Artikolu 13 tad-Direttiva 84/360/KEE.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-konċentrazzjoni ta' l-asbestos li joħroġ mill-kanali ta' l-iskarigu fl-arja meta jkun qed jintuża l-asbestos ma teċċedi l-valur tal-limitu ta' 0,1 mg/m³ (ta' milligrammi ta' l-asbestos għal kull m³ ta' l-arja skarigata).

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligu li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, l-impjanti li jittgħu fl-arja anqas minn 5000 m³ fis-sieġha ta' skarigi ta' gass totali, meta l-iskarigu ta' l-asbestos fl-arja ma jkunx aktar min 0,5 grammi fis-sieġha f'kull waqt taħt kondizzjonijiet normali tax-xogħol.

Meta tkun tapplika din l-eżenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jassiguraw li l-limiti li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu ma jinqabżux.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li:

- (a) kull effluwent akweju li joħroġ mill-fabbrikazzjoni tas-siment ta' l-asbestos jiġi riċiklat. Meta dan ir-riċiklaġġ ma jkunx ekonomikament prattikabbli, l-Istati Membri għand-

hom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-iskart likwidu li jkun fih l-asbestos ma jirriżultax fit-tniġġis ta' l-ambjent akwatiku u ta' setturi oħra inkluża l-arja.

Għal dan l-iskop:

- għandu japplika l-valur tal-limitu ta' 30 gramma tat-total tal-materjal f'sospensjoni għal kull m³ ta' l-effluwent akweju skarigat,
- l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, għal kull impjant involut, jispeċifikaw il-volum ta' l-iskarigi fl-ilma tal-kwantità totali tal-materjal f'sospensjoni skarigat għal kull tunnellata metrika tal-prodott filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' l-impjant.

Dawn il-limiti għandhom japplikaw fil-punt fejn l-ilmijiet ta' l-iskart iħallu l-impjant industrijali.

- (b) Kull effluwent akweju li joriġina mill-fabbrikazzjoni tal-karta jew kartun ta' l-asbestos jkun riċiklati.

B'dankollu, l-iskarigi ta' l-effluwent akweju li jkun fih iktar minn 30 gramma ta' materjal f'sospensjoni għal kull m³ ta' ilma jista' jiġi awtorizzat matul it-tindif jew il-manutenzjoni ta' rutina ta' l-impjant.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li jittieħdu kejljiet f'intervalli regolari taż-żmien ta' l-emissjonijiet fl-arja u l-iskarigi ta' l-effluwenti akweji mill-faċilitajiet li għalihom japplikaw il-valuri tal-limitu li hemm provvediment dwarhom f'Artikoli 4 u 5.

2. Għall-għanijiet sabiex tiġi kontrollata l-konformità mal-valuri tal-limitu msemmija, il-proċeduri u l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għandhom ikunu konformi ma' daww deskritti fl-Anness jew ma kull proċedura jew metodu ieħor li jagħtu riżultati ekwivalenti.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-proċeduri u l-metodi li jkun qegħdin jużaw flimkien mat-tagħrif relevanti biex ikollhom stima ta' kemm ikunu pertinenti dawn il-proċeduri u dawn il-metodi. Fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif, il-Kummissjoni ser iżżomm taħt reviżjoni l-ekwivalenza tal-proċeduri u tal-metodi differenti u tirrapporta lill-Kunsill kull ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li:

- l-attivitajiet li jinvolvu x-xogħol ta' prodotti li jkun fihom l-asbestos ma jikkawżawx tniġġis ambjentali sinifikanti bit-tniġġis mill-fibri jew mit-trab ta' l-asbestos,

- it-twaqqiġ tal-bini, strutturi u stallazzjonijiet li jkun fihom l-asbestos u t-tneħħija minnhom ta' l-asbestos jew ta' materjali li jkun fihom l-asbestos li jinvolvu r-rilaxx ta' fibri jew ta' trab ta' l-asbestos ma jikkawżawx tniġġis ambjentali sinifikanti mill-asbestos; għal dan l-iskop huma għandhom jissodisfaw lilhom infushom li l-pjan tax-xogħol li hemm provvediment dwaru f'Artikolu 12 tad-Direttiva 83/477/KEE jstipula d-dħul tal-miżuri preventivi kollha meħtieġa għal dan l-iskop.

⁽¹⁾ ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 47.

Artikolu 8

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 78/319/KEE⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li:

- fil-kors tal-ġarr u tad-depożitu ta' l-iskart li jkun fih il-fibri jew it-trab ta' l-asbestos, l-ebda fibra jew trab minn dan ma għandhom jitħallew joħorġu fl-arja u li ma għandu jinxtered l-ebda likwidu li jkun fih il-fibri ta' l-asbestos,
- meta l-iskart li jkun fih il-fibri jew it-trab ta' l-asbestos jintefa f'radam flokalitajiet liċenzjati għal dan il-għan, dan l-iskart għandu jiġi trattat, imballat jew imgħotti hekk li jiġi pprevenut il-ħruġ ta' partikoli ta' l-asbestos fl-ambjent, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet lokali.

Artikolu 9

Stat Membru jista', sabiex jipproteġi s-saħħa u l-ambjent, idaħħal dispożizzjonijiet li jkunu aktar stretti minn dawk ta' din id-Direttiva, b'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

Artikolu 10

Il-proċedura li hemm provvediment dwarha f'Artikoli 11 u 12 hija stabbilita għall-adattazzjoni ta' l-Anness mal-progress tekniku u għandha tiġi segwita għal kull modifika tal-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi msemmija fl-Anness. Dan l-adattament ma jrid jirriżulta fl-ebda modifika diretta jew indiretta tal-valuri tal-limitu indikati f'Artikoli 4 u 5.

Artikolu 11

Kumitat sabiex jadatta din id-Direttiva mal-progress xjentifiku u tekniku, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat', li jkun jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, huwa b'hekk stabbilit.

Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 12

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-President għandu jirreferi l-materja lill-Kumitat, jew fuq l-inizjattiva tiegħu innifsu jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom ikunu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-President jista' jstabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tiġi mogħtija b'maġġoranza ta' 54 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri jiġu mogħtija piż kif provvdut f'Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ntiżi meta dawn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Meta l-miżuri ntiżi ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew fin-nuqqas ta' xi opinjoni, il-Kummissjoni għandha mill-ewwel tissottometti lill-Kunsill proposta li tirrigwardja l-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, ma l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha l-materja tkun ġiet riferita lilu, il-Kunsill ma jkun adotta l-ebda miżura, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti u tapplikahom minnufih.

Artikolu 13

1. Il-Kummissjoni għandha perjodikament tagħmel estimi kumparattivi dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu relevanti għal-dan il-għan. Għandha tiġi rrispettata n-natura kunfidenzjali ta' kull tagħrif fornut.

2. Meta meħtieġ, fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tat-tagħrif fil-qasam mediku u dak tal-progress teknoloġiku, il-Kummissjoni għandha tissottometti aktar proposti mmirati biex jipprevjenu u jnaqqsu t-tniġġis mill-asbestos fl-interess tal-ħarsien ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent.

Artikolu 14

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1988. Għandhom jgħarrfu minnufih bihom lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jpubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' Artikoli 4 u 5 malajr kemm jista' jkun, u f'kull każ mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 1991 għal impjanti mibnija jew awtorizzati qabel id-data mogħtija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li huma jadottaw fil-qasam regolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 15

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SMET

(¹) ĠU L 84, tal-31.3.1978, p. 43.

ANNEX

IL-METODI TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI U TA' L-ANALIŻI

A. L-ISKARIGU TA' EFFLUWENTI AKWEJI

Il-metodu ta' riferiment għall-analiżi sabiex jiġi stabbilit il-materjal totali f'sospensjoni (materjal li jista' jiġi msoffi minn kampjun mhux preċipitat) kif espress f'mg/l għandu jiġi imsoffi permezz ta' membrana tal-filtru ta' 0,45 µm, li jinxf (il-materjal) f'temperatura ta' 105 °C u wżin ⁽¹⁾.

Il-kampjuni jridu jittieħdu b'tali mod li jkunu rappreżentattivi tal-iskarigu matul perjodu taż-żmien ta' 24 siegħa.

Din id-determinazzjoni għandha tiġi mwettqa għal preċiżjoni ⁽²⁾ ta' ± 5 % u eżattezza ⁽²⁾ ta' ± 10 %.

B. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI META JINGĦAŻEL METODU GĦALL-KEJL TA' L-EMISSJONIJIET FL-ARJA

I. Il-metodu gravimetriku

1. Il-metodu magħżul għandu jkun il-metodu gravimetriku li huwa kapaċi jkejjel il-kwantitajiet totali ta' trab imtajjar permezz tal-kanali ta' l-iskarigu.

Għandha titqies il-konċentrazzjoni ta' l-asbestos bħala trab. Meta jinħtieġu kejljiet tal-konċentrazzjoni, għandha tiġi mkejla jew evalwata l-konċentrazzjoni ta' l-asbestos bħala trab. L-awtorità tal-kontroll għandha tiddeċiedi dwar kull meta għandu jsir dan il-kejl, skond il-karatteristiċi ta' l-impjant u tal-produzzjoni tiegħu, imma dan għandhu fil-bidu jkun ta' mill-inqas kull sitt xhur. Jekk Stat Membru jkun stabbilixxa li l-konċentrazzjoni ma turi l-ebda varjazzjoni sinifikanti, il-frekwenza tal-kejl tista' titnaqqas. Meta ma jittiehdur kejljiet perjodiċi, il-valur tal-limitu speċifikat f'Artikolu 4 tad-Direttiva japplika għall-emissjonijiet totali ta' trab.

It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi mwettaq qabel kull dilwizzjoni tat-tnixxija li għandha tkun imkejla.

2. It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi mwettaq għal preċiżjoni ta' ± 40 % u eżattezza ta' ± 20 % tal-valur tal-limitu. Il-limitu tas-sejbien għandu jkun ta' 20 %. Għandhom jittieħdu mill-inqas żewġ kejljiet taħt l-istess kondizzjonijiet sabiex tiġi kontrollata u eżaminata l-konformità mal-valur tal-limitu.

3. *It-tħaddim tal-istallazzjoni*

Il-kejljiet għandhom ikunu validi biss jekk it-teħid tal-kampjuni jsir filwaqt li l-istallazzjoni tkun qiegħda taħdem normalment.

4. *Il-għażla tal-post tat-teħid tal-kampjuni*

It-teħid tal-kampjuni għandu jsir f'post fejn ikun hemm kurrent laminari (mhux imqalleb) ta' l-arja. Sakemm ikun possibbli, għandha tingħata attenzjoni biex tiġi evitata t-turbulenza, u l-ostakoli li jistgħu jfixxlu l-kurrent ta' l-arja.

5. *Il-modifiki meħtieġa għat-teħid tal-kampjuni*

Għandu jkun hemm fetħiet (aperturi) xierqa fil-kanali fejn jittieħdu l-kampjuni u għandhom jiġu provvduti pjattaformi xierqa.

6. *Il-kejljiet li jridu jittieħdu qabel it-teħid tal-kampjuni*

Qabel ma jidba t-teħid tal-kampjuni, ikun l-ewwel meħtieġ li titkejjel it-temperatura ta' l-arja u tal-pressjoni u tal-qawwa tal-kurrent fil-kanal. It-temperatura ta' l-arja u l-pressjoni għandhom normalment jitkejlu waqt il-ħin tat-teħid tal-kampjuni bir-rati tal-kurrenti (ta' l-arja) normali. Taħt kondizzjonijiet speċjali, huwa wkoll meħtieġ li titkejjel il-konċentrazzjoni ta' l-umdità biex ir-riżultati jkunu jistgħu jiġu emendati kif jixraq.

7. *Il-ħtiġiet ġenerali tal-proċedura tat-teħid tal-kampjuni*

Il-proċedura teħtieġ kampjun ta' l-arja minn kanal li jgħorr l-emissjonijiet tat-trab ta' l-asbestos li jrid jiġi miġbud permezz ta' filtru, u jrid jiġi mkejjel il-kontenut ta' l-asbestos bħala trab miżmum bil-filtru.

- 7.1. Għandha l-ewwel tiġi kkontrollata u eżaminata l-linja tat-teħid tal-kampjun sabiex ikun assigurat li ma tgħaddix arja minnha u li ma jkunx hemm nixxijiet li jistgħu joħlqu żbalji fil-kejl. Ir-ras ta' l-apparat li jieħu l-kampjuni għandha tkun issiġillata b'attenzjoni u l-pompa ta' l-apparat għandha tiġi mqabbda. Ir-rata tan-nixxija ma għandhiex teċċedi l-1 % tal-kurrent normali fit-teħid tal-kampjun.

⁽¹⁾ Ara Annex III tad-Direttiva 82/883/KEE (ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 1).

⁽²⁾ Dawn it-temi huma definiti f'Artikolu 2 tad-Direttiva 79/869/KEE (ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44) kif emendata bid-Direttiva 81/855/KEE (ĠU L 319, tas-7.11.1981, p. 16).

- 7.2. Normalment, it-teħid tal-kampjun għandu jkun imwettaq taħt kondizzjonijiet iso-kinetiċi.
- 7.3. It-tul taż-żmien tat-teħid tal-kampjun għandu jiddependi mit-tip ta' proċess li jiġi mmonitorjat u l-linja tat-teħid tal-kampjuni u l-perjodu taż-żmien tagħha għandhom ikunu biżżejjed sabiex jassiguraw li tiġi miġbura kwantità adegwata ta' materjal biex jintiżen. (It-tul taż-żmien) Għandu jkun rappreżentattiv tal-proċess sħiħ li jkun qiegħed jiġi mmonitorjat.
- 7.4. Meta l-filtru ta' l-apparat tat-teħid ta' kampjuni ma jkunx fil-qrib immedjat tar-ras ta' l-apparat, ikun essenzjali li jiġu rkuprati l-materjali ddepożitati fis-sonda li tiegħu l-kampjuni.
- 7.5. Ir-ras ta' l-apparat tat-teħid tal-kampjuni u n-numru tal-postijiet fejn iridu jittieħdu l-kampjuni għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-livell nazzjonali stabbilit adottat.
8. *In-natura tal-filtru ta' l-apparat li jieħu l-kampjuni*
- 8.1. Għandu jingħażel il-filtru xieraq għall-metodu tat-teknika ta' l-analiżi. Għall-metodu gravimetriku, huma preferibbli l-filtri bil-fibri tal-ħġieġ.
- 8.2. Hija meħtieġa effiċjenza minima tal-filtrazzjoni ta' 99 %, kif definita b'riferenza għat-test DOP bl-użu ta' aerosol b'partikoli ta' dijametru 0,3 µm.
9. *L-użin*
- 9.1. Għandu jiġi wżat miżien xieraq bi preċiżjoni qawwija.
- 9.2. Sabiex tinkiseb l-akkuratezza meħtieġa għall-użin, huwa essenzjali li l-filtri jiġu kondizzjonati sewwa qabel u wara t-teħid tal-kampjuni.
10. *L-espressjoni tar-riżultati*

B'żieda mad-dettalji dwar il-kejl, ir-riżultati għandhom jirreġistraw id-dettalji dwar it-temperatura, il-pressjoni u l-kurrent (ta' l-arja), bħalma huwa disinn sempliċi li juri l-lokazzjoni tal-postijiet tat-teħid tal-kampjuni, id-dimensjonijiet tal-kanali, il-volumi tal-kampjuni u l-metodu tal-kalkolu wżat biex jikseb ir-riżultati. Dawn ir-riżultati għandhom jiġu espressi f'temperatura normali (273K) u fi pressjoni normali (101,3 kPa).

II. Il-metodu tal-fibri li jistgħu jingħaddu

Meta tintuża l-proċedura ta' l-għadd tal-fibri bil-għan li jiċċekkjaw il-konformità mal-valur tal-limitu f'Artikolu 4 tad-Direttiva, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet għall-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, jista' jiġi wżat fattur tal-konverżjoni ta' żewġ fibri/ml għal kull 0,1 mg/m³ ta' trab ta' l-asbestos.

Għall-għanijiet tad-Direttiva, fibra hija definita bħala kull oġġett ta' tul akbar minn 5 µm, wisa' anqas minn 3 µm, u li jkollha proporzjon ta' tul/wisa' akbar minn 3/1, li jkunu jistgħu jingħaddu bil-mikroskopija ottika li jgħamel kuntrast tal-fażijiet billi juża l-metodu tar-riferiment Ewropew kif definit f'Anness I tad-Direttiva 83/477/KEE.

Il-metodu bil-għadd tal-fibri għandu jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

1. Il-metodu għandu jkun kapaċi jkejjel il-konċentrazzjoni tal-fibri li jistgħu jingħaddu fil-gassijiet emessi.
L-awtorità tal-kontroll għandha tiddeċiedi dwar il-perjodiċità ta' dan il-kejl, skond il-karatteristiċi ta' l-impjant u l-produzzjoni tiegħu, imma dawn għandhom ikunu mill-anqas kull sitt xhur. Meta ma jitteħdx kejl perjodiku, il-valur tal-limitu speċifikat f'Artikolu 4 japplika għall-emissjoni totali tat-trab.
It-teħid tal-kampjuni għandu jsir qabel kull dilwizzjoni fil-kurrent li jrid jiġi mkejjel.
2. *L-operat tal-istallazzjoni*
Il-kejl għandu jkun validu biss jekk it-teħid tal-kampjuni jsir waqt li l-istallazzjoni tkun qiegħda titħaddem normalment.
3. *Il-għażla tal-punt tat-teħid tal-kampjuni*
It-teħid tal-kampjuni għandu jsir f'punt fejn ikun hemm kurrent laminari (mhux imqalleb) ta' l-arja. Safejn ikun possibbli, għandha tingħata attenzjoni biex jiġu evitati t-turbulenza u l-ostakoli li jistgħu jfixxlu l-kurrent ta' l-arja.
4. *Il-modifiki meħtieġa fit-teħid tal-kampjuni*
Għandhom jintgħamli fetħiet (aperturi) xierqa fil-kanali fejn irid isir it-teħid tal-kampjuni, u għandhom jiġu provvduti pjattaformi xierqa.
5. *Il-kejl li jrid jittieħed qabel it-teħid tal-kampjuni*
Qabel ma jibda t-teħid tal-kampjuni, huwa qabel xejn meħtieġ li jiġu mkejjla t-temperatura u l-pressjoni ta' l-arja u l-veloċità tal-kurrent fil-kanal. It-temperatura u l-pressjoni ta' l-arja għandhom normalment jitkejjlu matul il-linja tat-teħid tal-kampjuni bir-rata normali tal-kurrent. F'kondizzjonijiet eċċezzjonali, huwa wkoll meħtieġ li titkejjel il-konċentrazzjoni ta' l-umdità biex ir-riżultati jkunu jistgħu jiġu emendati kif jixraq.

6. *Il-ħtiġiet ġenerali tal-proċedura tat-teħid tal-kampjuni*

Il-proċedura teħtieġ li kampjun jiġi miġbud permezz ta' filtru ta' l-arja minn kanal li jġorr l-emissjonijiet tat-trab ta' l-asbestos u li jitkejjlu l-fibri ta' l-asbestos li jistgħu jingħaddu li jkunu jinsabu fit-trab miżmum fil-filtru.
 - 6.1. Il-linja tat-teħid tal-kampjuni għandha l-ewwel tiġi kontrollata u eżaminata sabiex ikun assigurat li ma tgħaddix arja minnha, u li ma jkun hemm l-ebda nixxija li tista' toħloq żbalji fil-kejl. Ir-ras ta' l-apparat tat-teħid tal-kampjuni għandha tkun issiġillata b'attenzjoni u l-pompa ta' l-apparat tiġi mqabbdha. Ir-rata tan-nixxija ma għandhiex teċċedi l-1 % tal-kurrent normali fit-teħid tal-kampjuni.
 - 6.2. It-teħid tal-kampjuni tal-gassijiet emessi għandu jsir ġewwa l-kanal ta' l-emissjoni taħt kondizzjonijiet isokinetiċi.
 - 6.3. It-tul taż-żmien tat-teħid tal-kampjuni għandu jiddependi fuq it-tip tal-proċess li jkun qiegħed jiġi monitorjat u fuq id-daqs taż-żennuna wżata. Il-perjodu taż-żmien tat-teħid tal-kampjuni għandu jkun biżżejjed sabiex ikun assigurat li l-filtru li jiġbor il-kampjun iġorr minn 100 sa 600 fibri ta' l-asbestos li jistgħu jingħaddu/mm². Għandu jkun rappreżentattiv tal-proċess sħiħ li jkun qiegħed jiġi monitorjat.
 - 6.4. Ir-ras ta' l-apparat tat-teħid tal-kampjuni u n-numru tal-punti fejn iridu jittieħdu l-kampjuni għandu jiġi stabbilit skond il-livell nazzjonali stabbilit adottat.
 7. *In-natura tal-filtru tal-ġbir tat-teħid tal-kampjuni*
 - 7.1. Għandu jingħażel il-filtru xieraq skond il-metodu tat-teknika għall-kejl. Għall-metodu ta' kemm jistgħu jingħaddu fibri, għandhom jiġu wżati filtri tal-membrana (esteri mħallta taċċellulosi jew nitrat taċċellulosi) ta' toqba nominali tad-daqs ta' 5 µm, bi kwadri stampati u ta' dijametru ta' 25 mm.
 - 7.2. Il-filtru tal-ġbir tat-teħid tal-kampjuni għandu jkollu effiċjenza minima ta' filtrazzjoni ta' 99 % rigward il-fibri ta' l-asbestos li jkunu jistgħu jingħaddu.
 8. *Il-ġhadd tal-fibri*

Il-metodu ta' l-ġhadd tal-fibri għandu jkun konformi mal-metodu Ewropew ta' riferiment, kif stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva 83/477/KEE.
 9. *L-espressjoni tar-riżultati*

B'żieda mad-dettalji dwar il-kejl, ir-riżultati għandhom jirreġistraw id-dettalji dwar it-temperatura, il-persjoni u l-kurrent ta' l-arja u għandhom jinkludu t-tagħrif kollu rilevanti, bħalma ma huma disinn sempliċi li juri l-lokazzjoni tal-punti tat-teħid tal-kampjuni, il-qisien tal-kanali, il-volumi li tagħhom ittieħed kampjun u l-marka tal-kalkolu wżat sabiex jinkisbu r-riżultati. Dawn ir-riżultati għandhom jiġu espressi f'temperatura normali (273 K) u fi persjoni normali (101,3 kPa).
-